**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Jannar, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Janovich Gatt**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Janovich Gatt detentur tal-karta tal-identita numru: 262497(M) akkuzat talli:

1. Fid-19 ta' Frar 2015 ghall-habta ta' bejn it-3:45hrs u 4:15hrs bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Eddies Store li jinsab fi Triq San Tumas kantuniera ma' Triq San Stiefnu Zerafa Marsa wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin ghad-detriment ta' diversi persuni; l Art 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267, 270 tal-Kap 9;

2. U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D nhar is 26 ta' Gunju, 2013.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta' Lulju, 2016 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjoni u l-eta' zghira tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum u dan

skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u multa ta' mitejn ewro (€200).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**